Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru. 1108/70 TAL-KUNSILL

ta' l-4 ta' Ġunju 1970

li jintroduċi sistema ta' kontabilità dwar l-infiq fuq l-infrastruttura fir-rigward tat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni

(ĠU L 130, 15.6.1970, p. 4)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1384/79 tal-25 ta' Ġunju 1979	L 167	1	5.7.1979
►M2	Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3021/81 tad-19 ta' Ottubru 1981	L 302	8	23.10.1981
►M3	Ir-Regolament Tal-Kunsill (KEE) Nru 3572/90 ta' l-4 ta' Diċembru 1990	L 353	12	17.12.1990
►M4	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	629	31.12.2008

Emendat minn:

►A1	Att ta' Adeżjoni tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.	L 73	14	27.3.1972
►A2	Att ta' Adeżjoni tal-Greċja	L 291	17	19.11.1979
►A3	Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall	L 302	23	15.11.1985
►A4	Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja	C 241	21	29.8.1994
►A5	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

▼B

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru. 1108/70 TAL-KUNSILL

ta' l-4 ta' Ġunju 1970

li jintroduċi sistema ta' kontabilità dwar l-infiq fuq l-infrastruttura fir-rigward tat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 75 tiegħu;

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1964 ([1]) dwar l-organizazzjoni ta' inkjesta dwar l-ispejjeż infrastrutturali għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]);

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]);

Billi, sabiex tiġi stabbilita sistema ta' ħlas għall-użu ta' l-infrastruttura taħt il-politika komuni tat-trasport, huwa meħtieġ b'mod partikolari li wieħed ikun jaf kemm saru spejjeż fuq l-infrastruttura; billi dan it-tagħrif jista' jiġi miksub bl-aħjar mod permezz ta' l-introduzzjoni ta' sistema permanenti ta' kontabilità li tuża forom ta' kontijiet *standard* għal kull mezz ta' trasport fl-Istati Membri kollha;

Billi l-kontijiet ta' l-ispejjeż infrastrutturali għandhom ikopru l-infrastruttura kollha miftuħa għat-trasport pubbliku bil-ferrovija, bit-triq u b'passaġġi fuq l-ilma interni; billi, pero', ċerti tipi ta' infrastruttura ta' importanza sekondarja u ċerti passaġġi ta' l-ilma interni ta' natura marittima jistgħu jigu esklużi faċilment;

Billi huwa xieraq, sabiex jiġu meqjusa l-fatturi u ċ-ċirkostanzi speċjali li jvarjaw minn każ għall-ieħor, li l-Istati Membri jitħallew liberi sabiex jistabbilixxu il-proċeduri dettaljati għaż-żamma tal-kontijiet ta' l-ispejjeż infrastrutturali;

Billi, bil-għan li titwaqqaf sistema biex isir ħlas għall-użu ta' l-infrastruttura, huma meħtieġa l-prospetti relattivi għall-użu ta' l-infrastruttura u li titħejja wkoll skeda ta' dawn il-prospetti;

Billi l-Istati Membri għandhom jibagħtu regolarment lill-Kummissjoni l-kontijiet li juru l-ispejjeż fuq infrastruttura, u l-Kummissjoni għandha tippreżenta dawn il-kontijiet lill-Kunsill f'sommarju annwali;

Billi, sabiex jiġi assigurat li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jiġu applikati b'mod kemm jista' jkun uniformi, il-Kummissjoni għandha, bl-għajnuna ta' kumitat ta' esperti tal-gvern, tikkoordina il-miżuri varji li joħorġu minn dan ir-Regolament;

Billi għandha tiġi stabbilita proċedura li permezz tagħha l-forom ta' kontijiet, il-lista tat-tipi ta' infrastruttura u l-iskeda tal-prospetti li jirrigwardaw l-użu ta' l-infrastruttura jkunu jistgħu jiġu aġġustati kontinwament fid-dawl ta' l-esperjenza u l-iżvilupp tal-politika komuni dwar it-trasport;

([1]) ĠU 102, ta' l-29.6.1964, p. 1598/64.
([2]) ĠU C 135, ta' l-14.12.1968, p. 33.
([3]) ĠU C 48, ta' l-16.4.1969, p. 1.

▼B

Billi għandhom jiġu stabbiliti ċerti derogi mir-regoli ġenerali sabiex jittieħdu in konsiderazzjoni d-diffikultajiet li ċerti Stati Membri jiltaqgħu magħhom matul l-ewwel snin ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Mill-1 ta' Jannar 1971, għandha tiġi ntrodotta, bil-mod ipprovdut f'dan ir-Regolament, sistema ta' kontabilità *standard* u permanenti dwar l-ispiża infrastrutturali fir-rigward tat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni.

L-Artikolu 2

1. L-ispejjeż li għandhom jiġu murija fil-kontijiet għandhom jinkludu kemm l-ispejjeż speċifikament relatati ma' l-iskop ta' l-infrastruttura fit-trasport kif ukoll dik il-parti ta' l-ispejjeż komuni għal dik il-funzjoni u funzjonijiet oħrajn attribwiti għall-funzjoni tat-trasport.

2. Irrispettivament mir-regoli tal-kontabilità applikati fl-Istati Membri, l-ispejjeż li għandhom jintwerew għal sena partikolari għandhom ikunu l-ispejjeż li jkunu ntefqu f'dik is-sena għall-kostruzzjoni, tmexxija u amministrazzjoni ta' l-infrastruttura. Il-maħfra u l-imgħax li jakkumula fuq is-self kuntrattat bil-għan li jiġu ffinanzjati l-ispejjez ta' l-infrastruttura m'għandhomx jiġu nklużi.

▼M1

L-Artikolu 3

Il-kontijiet tan-nefqa fuq l-infrastruttura għandhom jinżammu għal kull waħda min-networks tal-ferroviji elenkati fl-Anness II(A.1) u għat-total tan-*networks* l-oħrajn elenkati fl-Anness II(A.2), kif ukoll għat-toroq kollha u għall-passaġġi fuq l-ilma interni miftuħa għat-traffiku pubbliku, bl-eċċezzjonijiet li ġejjin:

(a) toroq magħluqa għat-traffiku bil-mutur, jiġifieri, għall-vetturi b'kapaċita ta' ċilindrata daqs jew li taqbez il-50 ċm^3;

(b) toroq użati esklussivament minn vetturi agrikoli jew tal-forestrija li jservu biss biex jipprovdu aċċess għall-operazzjonijiet agrikoli jew tal-forestrija;

(ċ) passaġġi fuq l-ilma interni li fuqhom it-traffiku huwa limitat għall-vapuri ta' piż mejjet ta' anqas minn 250 tunellata;

(d) passaġġi fuq l-ilma interni ta' karattru marittimu, kif elenkati fir-Regolament (KEE) Nru 281/71 ([1]).

▼B

L-Artikolu 4

Il-kontijiet ta' l-ispiża fuq infrastuttura għandhom jiġu mħejjija skond il-forom murija fl-Anness I.

Il-proċeduri dettaljati għat-tħejjija ta' dawn il-kontijiet għandhom jiġu stabbiliti minn kull Stat Membru.

L-Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru ta' kull sena, il-kontijiet tas-sena preċe-

([1]) ĠU L 33, ta' l-10.2.1971, p. 11.

▼B

denti ta' l-ispiża ta' l-infrastruttura u għandhom jippreżentaw dawn il-kontijiet skond il-forom murija fl-Anness 1.

▼M1

2. Għandhom jiġu preżentati kontijiet separati:

(a) fir-rigward tal-linji tal-ferroviji:

(i) għal kull waħda min-*networks* elenkati fl-Anness II(A.1);

(ii) għat-total tan-*networks* l-oħra kollha elenkati fl-Anness II(A.2). Madankollu, il-prospetti li għandhom x'jaqsmu man-*networks* għandhom jintbagħtu biss darba kull ħames snin, li għandhom jibdew mis-sena 1980;

▼B

(b) fir-rigward ta' toroq, għal kull kategorija ta' triq elenkata fl-Anness II B, u għandhom jingħataw ċifri separati għal dawk is-sezzjonijiet ta' toroq li huma fil-viċinanżi ta' żoni żviluppati u dawk li huma "il barra minn dawn iż-żoni;"

(ċ) fir-rigward ta' passaġġi fuq l-ilma interni, skond l-intestaturi stabbiliti fl-Anness II C.

L-Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, fl-istess ħin meta jibagħtu l-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 5, u fir-rigward ta' l-istess perjodu, it-totali ta' l-ispiza fuq infrastruttura wżata minn kull mezz ta' trasport fir-rigward tas-segwenti:

— self kuntrattat matul is-sena sabiex tiġi ffinanzjata l-ispiża fuq l-infrastruttura;

▼M1

— ħlasijiet lura ta' kapital u, separatament, l-imgħax fuq is-self kuntrattat qabel.

▼B

Sabiex jikkumpilaw dawn it-totali, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw biss dak is-self allokat speċifikament sabiex tiġi finanzjata l-ispiża fuq l-infrastruttura.

▼M1

L-Artikolu 7

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, fl-istess żmien li jibagħtu l-kontijiet li għalihom jirreferi l-Artikolu 5 u fir-rigward ta' l-istess perjodu, prospetti li għandhom x'jaqsmu ma' l-użu ta' l-infrastruttura skond it-Tabelli A, (1.1) u Ċ ta' l-Anness III.

Il-prospetti koperti bit-Tabelli B(1.2) u B(2) ta' dak l-Anness għandhom jintbagħtu biss darba kull ħames snin. Fil-każ tat-Tabella B(1.2) il-prospetti għandhom jintbagħtu għall-ewwel darba għas-sena 1980 u, fil-każ tat-Tabella B(2), il-prospetti għandhom jiġu sospiżi sakemm ix-xogħol fuq is-sistema ta' ħlasijiet għall-użu ta' l-infrastruttura tagħmilhom meħtieġa.

▼B

L-Artikolu 8

1. Sakemm jiġu stabbiliti kriterji komuni mill-Kummissjoni ta' kif għandu jiġi stabbilit l-proporzjon attribwibbli għall-funzjoni ta' trasport ta' l-infrastruttura komuni għal dik il-funzjoni u għal funzjonijiet oħra ta' l-ispiża ta' l-infrastruttura b'mod konformi ma' l-Artikolu 9(1) u sakemm jiġu applikati mill-Istati Membri, l-ispiża relattiva speċifikament għall-funzjoni tat-trasport u l-ispiża komuni totali għandha tintwera separatament taħt id-diversi intestaturi murija fil-formoli tal-kontijiet.

▼B

2. Sakemm, b'mod konformi ma' l-Artikolu 9(1), jintlaħaq ftehim dwar il-kriterji applikabbli sabiex jiġu stabbiliti l-linji diviżorji bejn toroq li huma fil-viċinanzi ta' żoni żviluppati u dawk li huma barra minn dawn iż-żoni, l-Istati Membri għandhom, waqt li jkunu qegħdin jiġbru l-figuri msemmija fl-Artikolu 5(2)(b) u fl-Anness III B, jużaw kriterji li jagħżlu huma stess, li d-dettalji dwarhom għandhom jiffurmaw parti mill-informazzjoni li jibgħatu lill-Kummissjoni skond l-Artikoli 5 u 7.

3. Fir-rigward tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-komunikazzjoni lill-Kummissjoni ta' l-informazzjoni murija fl-Anness II C għandha tkun obbligatorja biss b'effett mill-prospett tas-sena 1972.

4. Il-komunikazzjoni lill-Kummissjoni tal-prospett dwar l-użu ta' l-infrastruttura koperta bit-Tabella B 1 u fl-Anness III fir-rigward tal-prospetti tas-snin 1972 u 1974, hija obbligatorja għall-kategoriji ta' vetturi b'numru wieħed u fakoltattiva għall-kategoriji l-oħra kollha.

5. Fir-rigward ta' l-Olanda, il-komunikazzjoni lill-Kummissjoni tal-prospett dwar l-użu ta' l-infrastruttura msemmija fit-Tabella B u fl-Anness III għandha tkun obbligatorja biss fir-rigward tat-toroq tal-pajjiżi li jaqgħu f'kategorija 5 fl-Anness II B mill-prospett tas-sena 1975 'il quddiem.

6. Fir-rigward ta' l-Italja, il-komunikazzjoni lill-Kummissjoni tal-prospett dwar l-użu ta' l-infrastruttura msemmija fit-Tabella B 2 ta' l-Anness III għandha ssir għall-ewwel darba fir-rigward tal-prospett għas-sena 1971. Il-komunikazzjoni sussegwenti tal-prospetti fir-rigward ta' dik it-Tabella għandha ssir fis-snin murija fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 7.

7. Il-komunikazzjoni lill-Kummissjoni tal-prospetti li għandhom x'jaqsmu ma' l-użu ta' l-infrastruttura msemmija fit-Tabella Ċ ta' l-Anness III għandha tkun obbligatorja:

— fil-każ tal-Belġju, fir-rigward tal-bastimenti fil-kategoriji (e) u (f) u tat-traffiku fil-baċir marittimu tax-Scheldt, b'effett biss mill-prospett tas-sena 1973;

— fil-każ tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, b'effett biss mill-prospett tas-sena 1973;

— fil-każ ta' Franza, fir-rispett tal-bastimenti fil-kategoriji (e) u (f) u tan-numru ta' bastimenti li jgħaddu mill-magħluq, b'effett biss mill-prospett tas-sena 1974;

— fil-każ ta' l-Olanda, fir-rigward tax-xmajjar regolati, b'effett biss mill-prospett tas-sena 1972.

L-Artikolu 9

1. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-koordinazzjoni ġenerali tal-miżuri differenti li joħorġu minn dan ir-Regolament u sabiex tara li d-dispożizzjonijiet tiegħu huma applikati b'mod uniformi. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tispeċifika l-kuntenut tad-diversi intestaturi fil-formoli tal-kontijiet u murija fl-Anness I u għandha tistabbilixxi l-kriterji komuni sabiex jiġi stabbilit il-proporzjon attribwibbli għall-funzjoni tat-trasport għall-ispiża li hija komuni għal dik il-funzjoni u għall-funzjonijiet l-oħrajn ta' l-infrastruttura.

Il-Kummissjoni għandha wkoll tagħmel ħilitha sabiex iġġib l-allinjament progressiv tal-proċeduri dettaljati tal-kontabilità applikati fl-Istati Membri, l-approsimazzjoni tal-kriterji applikati sabiex tiġi stabbliti l-linja diviżorja bejn it-toroq li qegħdin fil-viċinanzi ta' żoni żviluppati u dawk li qegħdin barra minn dawn iż-żoni, u t-titjib u l-approssimazzjoni tal-metodi li bihom jinġabru l-prospetti dwar l-użu ta' l-infrastruttura.

▼B

2. Il-kumitat ta' l-esperti tal-Gvern imsemmi fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 1965 ([1]) li timplimenta l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru. 64/389/KEE tat-22 ta' Ġunju 1964 dwar l-organizazzjoni ta' stħarriġ dwar l-ispejjeż ta' l-infrastruttura fir-rigward tat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni, għandu jassisti lill-Kummissjoni fit-twettiq ta' dawn il-funzjonijiet kif ukoll fit-tħejjija ta' lista ta' passaġġi fuq l-ilma interni msemmija fl-Artikolu 3(e).

3. Il-Kummissjoni għandha ta' kull sena, sitt xhur wara li tkun irċeviet l-informazzjoni provduta fl-Artikoli 5, 6 u 7, tissottometti lill-Kunsill sommarju li juri l-aspetti prinċipali tal-kontijiet li jirrigwardaw l-ispiża fuq infrastruttura.

L-Artikolu 10

Il-Kunsill jista', fuq proposta mill-Kummissjoni approvata b'maġġoranza kwalifikata, jagħmel dawk l-emendi għall-Annessi ta' dan ir-Regolament li jistgħu jkunu meħtieġa fid-dawl ta' l-esperjenza u ta' miżuri addottati fir-rigward tal-ħlas għall-użu ta' l-infrastruttura.

L-Artikolu 11

L-Istati Membri għandhom, fi żmien opportun u wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, jadottaw dawk il-liġijiet, regolamenti, u dispożizzjonijiet amministrattivi li jistgħu jkunu meħtieġa għall-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Fil-każ li Stat Membru jagħmel talba, jew meta l-Kummissjoni jidhrilha li huwa approprjat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ma' l-Istati Membri konċernati dwar it-termini proposti tal-miżuri msemmija fil-paragrafu preċedenti.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) ĠU C 88, ta' l-24.5.1965, p. 1473/65.

▼B

L-ANNESS I

FORMOLI GĦALL-KONTIJIET DWAR L-ISPIŻA MSEMMIJA Fl-ARTIKOLU 4

A. LINJI TAL-FERROVIJA

1. *Spiża f'investiment*

(spejjeż fuq bini ġdid, estensjoni, rikostruzzjoni u rinovazzjonijiet)

2. *Spejjeż kurrenti*

(spejjeż fuq manutenzjoni u operazzjoni)

3. *Spejjeż ġenerali*

B. TOROQ

1. *Spejjeż ta' investiment*

(spejjeż fuq bini ġdid, estensjoni, rikostruzzjoni u rinovazzjoni)

2. *Spejjeż kurrenti*

(spejjeż fuq manutenzjoni u operazzjoni)

▼M1

_____

▼B

3. *Pulizija tat-traffiku*

4. *Spejjeż ġenerali*

C. PASSAĠĠI TA' L-ILMA INTERNI

1. *Spiża ta' investiment*

(nefqa f'bini ġdid, estensjoni, rikostruzzjoni u tiġdid)

2. *Spejjeż kurrenti*

(spejjeż fuq manutenzjoni u operazzjoni)

3. *Pulizija tal-passaġġi ta' l-ilma*

4. *Spejjeż ġenerali*

▼M1

L-ANNESS II

SKEDA TAN-*NETWORKS* TAL-FERROVIJI, KATEGORIJI TA' TOROQ U PASSAĠĠI FUQ L-ILMA INTERNI LI GĦALIHOM JIRREFERU L-ARTIKOLI 3 U 5(2)

A. 1. LINJI TAL-FERROVIJA - *Networks* prinċipali

▼M3

Société Nationale des Chemins de Fer Belges (SNCB)/Nationale Maatschappij der Belgische Spoorwegen (NMBS),

Danske Statsbaner (DSB),

Deutsche Bundesbahn (DB),

Deutsche Reichsbahn (DR),

Οργανιμός Σιδηροδρόμων Ελλάδος (ΟΣΕ),

Red Nacionale de los Ferrocarriles Españoles (RENFE),

Société Nationale des Chemins de Fer Français (SNCF),

Iarnród Éireann,

Ente Ferrovie dello Stato (FS),

Société nationale des chemins de fer luxembourgeois (CFL),

Naamloze Vennootschap Nederlandse Spoorwegen (NS),

▼A4

Österreichische Bundesbahnen (ÖBB),

▼M3

Caminhos-de-Ferro Portugueses, EP (CP),

▼A4

Valtionrautatiet/Statsjärnvägarna (VR),

Statens järnvägar (SJ),

▼M3

British Rail (BR),

Northern Ireland Railways (NIR).

▼A5

Ir-Repubblika Ċeka

— Správa železniční dopravní cesty s.o.

Ir-Repubblika ta' l-Estonja

— AS Eesti Raudtee,

— Edelaraudtee AS.

Ir-Repubblika tal-Latvja

— Valsts akciju sabiedrība "Latvijas Dzelzceļš" (LDZ).

Ir-Repubblika tal-Litwanja

— Ackinė bendrovė "Lietuvos geležinkeliai".

Ir-Repubblika ta' l-Ungerija

— Magyar Államvasutak Rt. (MÁV),

— Győr-Sopron-Ebenfurti Vasút Rt. (GySEV).

Ir-Repubblika tal-Polonja

— PKP Polskie Linie Kolejowe S.A.

Ir-Repubblika tas-Slovenja

— Slovenske železnice (SŽ).

▼A5

Ir-Repubblika tas-Slovakkja

— Železnice Slovenskej republiky (ŽSR).

▼M4

Ir-Repubblika tal-Bulgarija

— Национална компания "Железопътна инфраструктура" (НК "ЖИ").

Ir-Rumanija

— Compania Națională de Căi Ferate "C.F.R." — S.A. (CFR).

▼M1

A. 2. FERROVIJI - *Networks* miftuħa għat-traffiku pubbliku u konnessi man-*network* prinċipali (esklużi *networks* urbani)

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

Albtal-Verkehrs-Gesellschaft mbH

Alsternordbahn GmbH

Eisenbahn-Gesellschaft Altona-Kaltenkirchen-Neumünster

Augsburger Lokalbahn GmbH

Bayerische Landeshafenverwaltung

Bentheimer Eisenbahn AG

Birkenfelder Eisenbahn GmbH

Delmenhorst-Harpstedter Eisenbahn GmbH

DB, Bundesbahndirektion Frankfurt, Ne-Geschäftsführung

Deutsche Eisenbahn-GmbH

Dortmunder Eisenbahn

Elmshorn-Barmstedt-Oldesloer Eisenbahn AG

Verkehrsbetriebe Extertal - Extertalbahn GmbH

Filderbahn der Stuttgarter Straßenbahnen AG

Hafen- und Verkehrsbetriebe der Stadt Kiel

Häfen der Stadt Köln

Hafen- und Bahnbetriebe der Stadt Krefeld

Hersfelder Kreisbahn

Hohenzollerische Landesbahn AG

Verkehrsbetriebe Grafschaft Hoya GmbH

Hümmlinger Kreisbahn

Ilmebahn-Gesellschaft AG

Köln-Bonner Eisenbahnen AG

Kölner Verkehrs-Betriebe AG (Köln-Frechen-Benzelrather Eisenbahn)

Eisenbahn Köln-Mülheim-Leverkusen der Farbenfabriken Bayer AG

Krefelder Eisenbahn-Gesellschaft AG

Kreiswerke Gelnhausen GmbH - Verkehrsbetriebe

Meppen-Haselünner Eisenbahn

Merzig-Büschfelder Eisenbahn GmbH

Mindener Kreisbahnen

Bahnen der Stadt Monheim GmbH

Neukölln-Mittenwalder Eisenbahn-Gesellschaft

Neusser Eisenbahn

Niederrheinische Verkehrsbetriebe Akticngesellschaft NIAG

▼**M1**

Nordfriesische Verkehrsbetriebe AG

Kreisbahn Osterode am Harz - Kreiensen

Osthannoversche Eisenbahnen AG

Osthavelländische Eisenbahn

Verkehrsbetriebe Peine-Salzgitter GmbH

Regentalbahn AG

Rhein-Sieg-Verkehrsgesellschaft

Verkehrsbetriebe des Kreises Schleswig-Flensburg

Siegener Kreisbahn GmbH

Südwestdeutsche Eisenbahnen AG

Tegernsee-Bahn AG

Trossinger Eisenbahn

Uetersener Eisenbahn-AG

Verden-Walsroder Eisenbahn GmbH

Vorwohle-Emmerthaler Verkehrsbetriebe GmbH

Bahngesellschaft Waldhof - Nebenbahn Waldhof/Sandhofen

Wanne-Bochum-Herner Eisenbahn

Werne-Bockum-Höveler Eisenbahn

Westfälische Verkehrsgesellschaft mbH

Westerwaldbahn

Wuppertaler Stadtwerke AG

Württembergische Eisenbahn-GmbH

Württembergische Nebenbahnen GmbH

Industriebahn der Stadt Zülpich

Hafenbahn Aschaffenburg

Brohltal-Eisenbahn GmbH

Kleinbahnverwaltung Gemeinde Edewecht

Hohenlimburger Kleinbahn

Oberrheinische Eisenbahn Gesellschaft AG

Wittlager Kreisbahn GmbH

Repubblika ta' l-Italja

Torino - Ceres

Ferrovie Nord Milano

Trento - Malè

Società Veneta Autoferrovie

Società Veneta per imprese e costruzioni pubbliche

Ferrovia Suzzara - Ferrara

Gestione Governativa Ferrovie Padane

Azienda Trasporti Consorziali di Modena

Azienda Trasporti Consorziali - Bologna

Acotral

Ferrovie Adriatico Appennino

Gestione Governativa Ferrovia Cancello - Benevento

Ferrotranviaria (SpA)

▼M1

Ferrovie del Sud-Est

Ferrovie del Gargano

Gestione Governativa Ferrovia Circumetnea

Azienda Consorziale Trasporti - Reggio Emilia

La Ferroviaria italiana

Società Mediterranea strade ferrate umbro-aretine

Società nazionale di ferrovie e tranvie

▼A4

Ir-Repubblika tal-Finlandja

Valtionrautatiet/Statsjärnvägarna (VR)

Ir-Renju ta' l-Isvezja

Inlandsbanen Aktiebolag (IBAB)

Malmö-Limhamns Järnväg (MLJ)

Växjö-Hultsfred-Västerviks Järnväg (VHVJ)

Johannesberg-Ljungaverks Järnväg (JLJ)

▼A5

Ir-Repubblika Ċeka

Jindřichohradecké místní dráhy (JHMD) a.s.

Connex Morava, a.s.

OKD Doprava, a.s.

Viamont, a.s.

Ir-Repubblika ta' l-Estonja

AS Eesti Raudtee

Edelaraudtee AS

Ir-Repubblika tal-Latvja

Valsts akciju sabiedrība "Latvijas Dzelzceļš" (LDZ)

Pašvaldību dzelzceļa infrastruktūras pārvaldītājs ILDC

Ir-Repubblika tal-Litwanja

Akcinė bendrovė "Lietuvos geležinkeliai"

Ir-Repubblika ta' l-Ungerija

Fertővidéki Helyiérdekű Vasút Rt. (FHÉV)

Ir-Repubblika tal-Polonja

Przedsiębiorstwo Transportu Kolejowego i Gospodarki Kamieniem S.A. - Rybnik

Kopalnia Piasku "Kuźnica Warężyńska" S.A. - Dąbrowa Górnicza

Kopalnia Piasku "Szczakowa" S.A. - Jaworzno

Kopalnia Piasku "Kotlarnia" S.A. - Kotlarnia

Jastrzębska Spółka Kolejowa Sp. z o.o. w Jastrzębiu Zdroju

Kopalnia Piasku "Maczki Bór" Sp. z o.o. - Sosnowiec.

▼M4

Ir-Rumanija

Compania Națională de Căi Ferate "C.F.R." — S.A. (CFR)

▼A1

B. IT-TOROQ

Ir-Renju tal-Belġju

1. Autoroutes/autosnelwegen
2. Autres routes de l'etat/andere rijkswegen
3. Routes provinciales/provinciale wegen

▼A1

4. Routes communales/gemeentewegen

Ir-Renju tad-Danimarka

1. Motorveje
2. Hovedlandeveje
3. Landeveje
4. Biveje

Ir-Repubblika Federali tal- Ġermanja

1. Bundesautobahnen
2. Bundesstrassen
3. Land — (staats -) strassen
4. Kreisstrassen
5. Gemeindestrassen

▼A2

Repubblika Ellenika

1. Εθνικό οδικό δίκτυο
2. Επαρχιακό οδικό δίκτυο
3. Δημοτικό ή κοινοτικό οδικό δίκτυο

▼A3

Renju ta' Spanja

1. Autopistas
2. Autovias
3. Carreteras estatales
4. Carreteras provinciales
5. Carreteras municipales

▼A1

Ir-RepubblikaFranċiża

1. Autoroutes
2. Routes nationales
3. Chemins departementaux
4. Voies communales

L-Irlanda

1. National primary roads
2. Main roads
3. County roads
4. County borough roads
5. Urban roads

Ir-Repubblika Taljana

1. Autostrade
2. Strade statali
3. Strade regionali e provinciali
4. Strade comunali

Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

1. Routes d'etat
2. Chemins repris
3. Chemins vicinaux

▼A1

Ir-Renju ta' l-Olanda

1. Autosnelwegen van het rijkswegenplan
2. Overige wegen van het rijkswegenplan *

} (primaire wegen)

3. Wegen van de secundaire wegenplannen
4. Wegen van de tertiaire wegenplannen
5. Overige verharde wegen

▼A4

Ir-Repubblika ta' l-Awstrija

1. Bundesautobahnen
2. Bundesstraßen
3. Landesstraßen
4. Gemeindestrassen

▼A3

Repubblika Portugiża

1. Auto-estradas
2. Estrades nacionais e regionais
3. Vias municipais
4. Vias florestais

▼A4

Ir-Repubblika tal-Finlandja

1. Päätiet/Huvudvägar
2. Muut maantiet/Övriga landsvägar
3. Paikallistiet/Bygdevägar
4. Kadut ja kaavatiet/Gator och planlagda vägar

Ir-Renju ta' l-Isvezja

1. Motorvägar
2. Motortrafikleder
3. Övriga vägar

▼A1

Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

1. Motorways and trunk roads
2. Principal roads
3. Non-principal and other roads

▼A5

Ir-Repubblika Ċeka

1. Dálnice
2. Silnice
3. Místní komunikace

Ir-Repubblika ta' l-Estonja

1. Põhimaanteed
2. Tugimaanteed
3. Kõrvalmaanteed
4. Kohalikud maanteed ja tänavad

Ir-Repubblika ta' Ċipru

1. Αυτοκινητόδρομοι
2. Κύριοι Δρόμοι
3. Δευτερεύοντες Δρόμοι

▼A5

4. Τοπικοί Δρόμοι

Ir-Repubblika tal-Latvja

1. Valsts galvenie autoceļi
2. Valsts 1. šķiras autoceļi
3. Valsts 2. šķiras autoceļi
4. Pilsētu ielas un autoceļi

Ir-Repubblika tal-Litwanja

1. Magistraliniai keliai
2. Krašto keliai
3. Rajoniniai keliai

Ir-Repubblika ta' l-Ungerija

1. Gyorsforgalmi utak
2. Főutak
3. Mellékutak
4. Önkormányzati utak

Ir-Repubblika ta' Malta

1. Toroq Arterjali
2. Toroq Distributorji
3. Toroq Lokali

Ir-Repubblika tal-Polonja

1. Drogi krajowe
2. Drogi wojewódzkie
3. Drogi powiatowe
4. Drogi gminne

Ir-Repubblika tas-Slovenja

1. Avtoceste
2. Hitre ceste
3. Glavne ceste
4. Regionalne ceste
5. Lokalne ceste
6. Javne poti

Ir-Repubblika tas-Slovakkja

1. Diaľnice
2. Rýchlostné cesty
3. Cesty I. triedy
4. Cesty II. triedy
5. Cesty III. triedy
6. Miestne komunikácie.

▼M4

Ir-Repubblika tal-Bulgarija

1. Автомагистрали
2. Републикански пътища
3. Общински пътища

Ir-Rumanija

1. Autostrăzi

▼M4

2. Drumuri naționale

3. Drumuri județene

4. Drumuri comunale

▼A1

C. PASSAĠĠI TA' L-ILMA INTERNI

Passaġġi ta' l-ilma interni jew gruppi ta' passaġġi ta' l-ilma interni	Xmajjar regolati	Xmajjar bil-kanali	Kanali	Passaġġi ta' l-ilma oħrajn
Passaġġi ta' l-ilma aċċessibbli għal bastimenti b'tunnellaġġ metriku ta' piż mejjet:				
I. Minn 250 sa 400 t, li m'huwiex inkluż				
II. Minn 400 sa 650 t, li m'huwiex inkluż				
III. Minn 650 sa 1 000 t, li m'huwiex inkluż 1 [1]				
IV. Minn 1 000 sa 1 500 t, li m'huwiex inkluż (v.a) [1]				
V. Minn 1 500 sa 3 000 t, li m'huwiex inkluż (v.a) [1]				
VI. Daqs 3 000 t jew iżjed				

[1] Għal dawn il-gruppi ta' passaġġi ta' l-ilma interni, il-kontijiet għandhom jiġu sottomessi għal kull passaġġi ta' ilma jew sezzjoni minnu. M'huwiex meħtieġ li jiġu sottomessi kontijiet separate għal sezzjonijiet qosra tal-passaġġi ta' l-ilma li jappartjenu għal kategorija differenti minn dik tal-parti ewlenija tas-sezzjoni tal-passaġġi ta' l-ilma li hija relevanti. Passaġġi ta' l-ilma li għadhom qegħdin jinbnew għandhom jiġu indikati separatament fi ħdan kull skrizzjoni.

▼B

L-ANNESS III

SKEDA TA' PROSPETTI DWAR L-UŻU TA' L-INFRASTRUTTURA MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 7

TABELLA A - FERROVIJA

Stat Membru:

Network:

Il-prospetti jridu jiġu sottodiviżi skond il-qawwa tal-mutur (elettriċi u oħrajn)

Klassi ta' traffiku	Ferrovija tal-passiġġiera (1)		Ferrovija tal-merkanzija (1), (2)		Oħrajn (3)
	Ferroviji espressi ta' distanzi twal u ferroviji espressi (4)	Kategoriji oħrajn (4)	Servizz rapidu (4)	Servizz ordinarju (4)	
1. Ferrovija/kilometri					
2. Tunnellati metriċi//kilometri maħduma					

(1) Inklużi prospetti għal lokomotivi li jiġru ħfief qabel jew wara l-użu attwali fuq ferroviji tal-passiġġiera jew tal-merkanzija.
(2) Traffiku kummerċjali biss.
(3) Prospetti għal ferroviji u traffiku fis-servizz tal-kumpanija, ferroviji ta' l-inġiniera u tat-tiswija, mobile workshops, test runs, eċċ.
(4) Din is-sottodiviżjoni m'hijiex obbligatorja.

▼M1

TABELLA B - TOROQ

1.1. **Vettura/kilometri magħmula kull sena fuq toroq barra żoni mibnija**

Stat Membru:

Kategorija ta' toroq:

(miljuni ta' unitajiet)

Kategorija ta' vettura	Kilometri tal-vetturi
1. Vetturi tal-passiġġiera b'inqas minn 10 siġġijiet	
2. Vannijiet b'permess ta' piż total mgħobbi ta' inqas minn tliet tunnellati	
3. Vetturi tal-merkanzija	
4. Vetturi tal-merkanzija bil-karru	
5. Trakters bin-nofs karru	
6. Xarabank u *coaches*	
7. Oħrajn	

▼M1

1.2. **Vettura/kilometri magħmula kull sena fuq toroq barra żoni mibnija**

Stat Membru:

Kategorija ta' toroq:

(miljuni ta' unitajiet)

Kategorija ta' vettura	Kilometri tal-vettura
3.1. Vetturi tal-merkanzija b'żewġt ifwies	
3.2. Vetturi tal-merkanzija bi tliet ifwies	
3.3. Vetturi tal-merkanzija b'erbgħat ifwies	
4.1. Vetturi tal-merkanzija b'żewġt ifwies b'karru b'żewġt ifwies	
4.2. Vetturi tal-merkanzija b'żewġt ifwies b'karru bi tliet ifwies	
4.3. Vetturi tal-merkanzija bi tliet ifwies b'karru b'żewġt ifwies	
4.4. Vetturi tal-merkanzija bi tliet ifwies b'karru bi tliet ifwies	
4.5. Kategoriji oħrajn ta' vetturi tal-merkanzija bil-karru ([1])	
5.1. Trakters b'żewġt ifwies b'nofs karru b'fus wieħed	
5.2. Trakters b'żewġt ifwies b'nofs karru b'żewġt ifwies	
5.3. Trakters bi tliet ifwies b'nofs karru b'żewġt ifwies	
5.4. Trakters bi tliet ifwies b'nofs karru b'żewġt ifwies	
5.5. Kategoriji ta' trakters oħrajn b'nofs karru ([1])	
6.1. Xarabank u *coaches* b'żewġt ifwies	
6.2. Xarabank u *coaches* bi tliet ifwies	

([1]) Fejn xieraq iridu jiġu sottodiviżi f'kategoriji rappreżentattivi skond in-numru u fejn jinsabu l-fwies. "

▼B

2. **Analiżi tad-distanza koperta minn vetturi kummerċjali kategorizzati skond il-piż gross massimu u t-toghbija attwali tal-fus**

(Toroq li huma 'l barra minn żoni żviluppati)

Stat Membru:

Kategorija ta' triq:

(f'elluf ta' unitajiet)

Kategorija ta' vettura (f'intervalli ta' klassi ta' żewġ tunnellati metriċi ta' piż gross massimu)	Unità ta' sewqan					Unità miġbuda				
	Fus ta' wara km		Fus ta' wara km			Fus ta' quddiem km		Fus ta' wara km		
	Singlu	Doppju	Singlu	Doppju	Triplu	Singlu	Doppju	Singlu	Doppju	Triplu
	— B'intervalli ta' klassi ta' tunnellata metrika waħda tat-taghbija attwali tal-fus									
3.1. Vetturi tal-merkanzija b'żewġt ifwies										
3.2. Vetturi tal-merkanzija bi tlett ifwies										
3.3. Vetturi tal-merkanzija b'erbgħat ifwies										
4.1. Vetturi tal-merkanzija b'żewġt ifwies b'karru b'żewġt ifwies										
4.2. Vetturi tal-merkanzija b'żewġt ifwies b'karru bi tlett ifwies										
4.3. Vetturi tal-merkanzija bi tlett ifwies b'karru b'żewġt ifwies										
4.4 Vetturi tal-merkanzija bi tlett ifwies b'karru bi tlett ifwies										
4.5. Kategoriji ohrajn ta' vetturi tal-merkanzija bil-karru ([1])										
5.1. Trakters b'żewġt ifwies b'nofs karru b'fus wieħed										
5.2. Trakters b'żewġt ifwies b'nofs karru b'żewġt ifwies										
5.3. Trakters bi tlett ifwies b'nofs karru b'fus wieħed										
5.4. Trakters bi tlett ifwies b'nofs karru b'żewġt ifwies										
5.5. Kategoriji ohrajn ta' trakters b'nofs karru ([1])										
6.1. Xarabank u *coaches* b'żewġt ifwies										
6.2. Xarabank u *coaches* bi tlett ifwies										

([1]) Fejn approprjat iridu jiġu sottodiviżi f'kategoriji rapresentattivi skond in-numru u skond fejn jinsabu l-fwies.

▼B

TABELLA Ċ - PASSAĠĠI TA' L-ILMA INTERNI

Stat Membru:

Passaġġ ta' l-ilma, sezzjoni minn passaġġ ta' l-ilma jew grupp ta' passaġġi ta' l-ilma (1):

(Feluf ta' unitajiet)

Kategorija ta' bastiment	Bastiment/kilometri	t/km piż mejjet	Numru ta' bastimenti li jgħaddu mill-magħluq (2)
(1)	(2)	(3)	(4)
(a) Bastimenti li jwexxu lilhom infushom b'tunnellaġġ piż mejjet ta' (3): – < 250 t – 250–399 t – 400–649 t – 650–999 t – 1 000–1 499 t – = 1 500 t			
Total a)			
(b) Barkuni dumb b'tunnellaġġ piż mejjet ta' (3): – < 250 t – 250–399 t – 400–649 t – 650–999 t – 1 000–1 499 t – = 1 500 t			
Total b)			
(c) Barkuni mbuttati b'tunnellaġġ piż mejjet ta': – < 250 t – 250–399 t – 400–649 t – 650–999 t – 1 000–1 499 t – = 1 500 t			
Total c)			

▼B

(1)	(2)	(3)	(4)
(d) Bastimenti b'tunnellaġġ nett ta':			
– < 300 nrt	(4)	(4)	(4)
– 300–999 nrt	(4)	(4)	(4)
– ≥ 1 000 nrt	(4)	(4)	(4)
Total d)	(4)	(4)	(4)
►(1)(e) Vetturi ta' rmonk b'qawwa ta' (1 000 unitajiet):			
– < 184 W			
– 184—293 W			
– 294—734 W			
– ⩾ 735 W			
Total (e)			
(f) Vetturi ta' rmonk b'qawwa ta' (1 000 unitajiet):			
– < 184 W			
– 184—293 W			
– 294—734 W			
– ⩾ 735 W			
Total (f) ◄			
(g) Bastimenti tal-passiġġieri (4)			

(5) Inkluži prospetti ghal lokomotivi li jiġru hfief qabel jew wara l-użu attwali fuq ferroviji tal-passiġġiera jew tal-merkanzija.
(6) Traffiku kummerċjali biss.
(7) Prospetti ghal ferroviji u traffiku fis-servizz tal-kumpanija, ferroviji ta' l-inġiniera u tat-tiswija, mobile workshops, test runs, eċċ.
(8) Din is-sottodivižjoni m'hijiex obbligatorja.
(9) Kull dghajsa li tghaddi trid tinghadd separatament.
(10) Id-differenza fl-ewwel żewġ tunnellati hija fakultattiva.
(11) Din l-entrata hija fakultattiva.

►(1) M1